

A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2007

Mill-President Paul Mahoney

1. Is-sena 2007 kienet ikkaratterizzata mid-dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* tad-29 ta' Awwissu 2007¹ u, skond l-Artikolu 121 tagħhom, daħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom, jiġifieri fl-1 ta' Novembru 2007. Fl-istess jum daħlu wkoll fis-seħħ l-Istruzzjonijiet lir-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea^{2,3}.

2. Filwaqt li l-ewwel sena ta' attività tat-Tribunal kienet, fil-parti l-kbira tagħha, iddedikata għad-definizzjoni tal-proċeduri interni u esterni tiegħu, u b'mod partikolari għat-tnejja ta' l-abbozz tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, iċ-ċifri għas-sena 2007 diġà jindikaw attività ġudizzjarja regolari.

Fil-fatt, fl-2007, it-Tribunal għalaq 150 kawża, filwaqt li ġew ippreżentati 157 rikors ġdid. Għalhekk, hemm kważi ekwilibriju bejn in-numru ta' kawżi mressqa u dawk magħluqa.

In-numru ta' rikorsi ppreżentati din is-sena (157) huwa kemmxejn akbar minn dak tas-sena l-oħra, li kien ta' 148.

In-numru ta' kawżi pendenti (235) għadu relattivament għoli minħabba, b'mod partikolari, il-fatt li n-numru ta' kawżi magħluqa matul l-ewwel sena ta' funzjonament tat-Tribunal (50) ma jirrappreżentax il-kapaċità tat-Tribunal li jagħlaq kawżi. Għandu jingħad ukoll li numru kbir ta' kawżi pendenti ġew sospiżi sakemm jingħataw sentenzi mill-Qorti tal-Prim'Istanza li jistgħu joħolqu "preċedent" (test cases)⁴ jew sakemm jingħataw deċiżjonijiet fl-appell mill-Qorti tal-Ġustizzja⁵.

44 % tal-kawżi ngħalqu permezz ta' sentenza u 56 % permezz ta' digriet. Il-proċeduri għall-kawżi magħluqa fl-2007 damu medja ta' 16,9 xhur għas-sentenzi u 10,3 xhur għad-digrieti.

Matul is-sena 2007, tressqu appell minn 25 deċiżjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, ċifra li tirrappreżenta 32 % tad-deċiżjonijiet appellabbli mogħtija minnu u 19 % tat-total tal-kawżi magħluqa, apparti l-ipoteżi ta' rinunzja għall-appell unilaterali minn waħda mill-partijiet.

¹ ĠU L 225, p. 1.

² ĠU L 249, p. 3.

³ It-Tribunal, sabiex jinforma, minn naħa, lill-istituzzjonijiet u, min-naħa l-oħra, lill-organizzazzjonijiet sindakali u professjonali u lill-kumitati tal-persunal dwar l-istrumenti proċedurali ġodda applikabbli fil-konfront tiegħu, organizza żewġ laqgħat mar-rappreżentanti tagħhom, fit-23 ta' Novembru u fis-7 ta' Diċembru 2007 rispettivament, bħala estensjoni tal-laqgħat mibdija fl-2006.

⁴ Madwar għoxrin kawża ġew sospiżi sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kawża *Angé Serrano et vs Il-Parlament* (T-47/05).

⁵ Madwar ħamsin kawża ġew sospiżi sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Centeno Mediavilla et vs Il-Kummissjoni* (C-443/07 P).



3. Fil-parti segwenti ser jiġu ppreżentati, l-ewwel nett, l-innovazzjonijiet prinċipali introdotti mir-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal (I). It-tieni nett, ser issir espożizzjoni tal-kontribuzzjonijiet ġurisprudenzjali l-aktar sinjifikattivi magħmula din is-sena permezz ta' kummenti dwar, suċċessivament, il-proċeduri kontenzjużi dwar il-legalità u l-kumpens (II), il-miżuri provviżorji (III), u t-talbiet għal għajnuna legali (IV). Fl-aħħar nett, ser issir evalwazzjoni inizjali tal-prassi relatata mal-ftehim bonarju.

I. Innovazzjonijiet prinċipali tar-Regoli tal-Proċedura

It-Tribunal dejjem xtaq iżomm unità fl-approċċ u fil-prattika bejn it-tliet qradi Komunitarji. Madankollu, ġew introdotti ċerti innovazzjonijiet sabiex jiġu implementati l-għażliet espressi mill-Kunsill, b'mod partikolari fl-Artikolu 7 ta' l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżjud ma' dan l-Istatut permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, KEEA tat-2 ta' Novembru 2004, li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 333, p. 7), jew sabiex jittieħdu in kunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari kemm tat-Tribunal u kemm tas-suġġett tal-proċeduri kontenzjużi mressqa quddiemu.

L-innovazzjonijiet prinċipali tar-Regoli tal-Proċedura huma marbuta ma' tliet ideat prinċipali: tħaffif tal-proċedura; enfażi, f'kull stadju tal-proċeduri, fuq il-possibbiltajiet li jintlaħaq ftehim bonarju dwar il-kontroversja; allokazżjoni ta' l-ispejjeż skond ir-regola ta' "min jitlef ibati l-ispejjeż". Barra minn hekk, għandhom jissemmew ukoll numru ta' innovazzjonijiet oħra.

Tħaffif tal-proċedura

Bħala prinċipju, il-proċedura bil-miktub hija limitata għal skambju wieħed ta' atti, sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix li jkun meħtieġ skambju ieħor. It-tieni skambju ta' atti bil-miktub jista' jseħħ jew *ex officio* jew fuq talba motivata tar-rikorrent. Meta jkun hemm skambju ieħor ta' atti bil-miktub, it-Tribunal jista' jiddeċiedi, bil-kunsens tal-partijiet, li jaqta' l-kawża mingħajr ma tinżamm seduta.

Il-fatt li bħala prinċipju jkun hemm biss skambju wieħed ta' atti bil-miktub jispjega għaliex ir-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal huma aktar stretti fir-rigward ta' l-espożizzjoni tal-motivi u ta' l-argumenti fir-rikors, fis-sens li din l-espożizzjoni ma għandhiex tkun "fil-qosor", u dan kuntrarjament għal dak li jipprevedi b'mod ġenerali l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 21 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ta' l-aħħar ma għandhiex iċċaħħad minn kull effettività l-Artikolu 7(3) ta' l-Anness I ta' dan l-Istatut, li għandu l-istess pożizzjoni ġerarkika u li jstabbilixxi l-prinċipju ta' skambju wieħed ta' atti bil-miktub.

L-eżistenza, bħala prinċipju, ta' skambju wieħed ta' atti bil-miktub jispjega wkoll it-terminu iqsar sabiex tiġi ppreżentata talba għal intervent: dan issa huwa ta' erba' ġimgħat mid-data tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ta' l-avviż dwar ir-rikors.

Din l-eżistenza wasslet ukoll għad-deċiżjoni li ma tiġix stabbilita proċedura mħaffa, li, fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, hija kkaratterizzata preċiżament, apparti

mill-ipproċessar bi prijorità tal-kawża, mill-eżistenza ta' proċedura bil-miktub limitata għal skambju wieħed ta' atti bil-miktub.

Ix-xewqa li jitħaffef l-iżvolġiment tal-proċedura bil-miktub wasslet lit-Tribunal sabiex jipprevedi li kull eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma permezz ta' att separat, li, fil-prattika, fil-każ li tiġi inkluża mal-mertu, tista' twassal għal titwil tal-proċeduri, għandha tiġi ppreżentata f'terminu ta' xahar min-notifika tar-rikors, minflok fit-terminu ta' xahrejn previst għall-preżentata tar-risposta.

Fl-aħħar, it-Tribunal, bl-intenzjoni li jassigura l-iżvolġiment regolari tal-proċedura prekontenzjuża u li jkun f'pożizzjoni li jidentifika fi stadju kemm jista' jkun bikri l-eżistenza ta' eventwali problema ta' ammissibbiltà, introduċa dispożizzjoni li minnha jirriżulta li l-produzzjoni, jekk ikun il-każ, ta' l-ilment u tar-risposta għal dan l-ilment, hija obbligu tar-rikorrent.

Ftehim bonarju

Ir-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal jiddedikaw għall-ftehim bonarju kapitolu separat minn dak dwar il-miżuri ta' organizzazzjoni ta' proċedura b'tali mod li jesprimu l-idea li din il-proċedura hija distinta mill-proċedura ġudizzjarja normali.

Huwa l-kulleġġ ġudikanti li jieħu d-deċiżjoni li jipprova jwassal lill-partijiet sabiex jilħqu ftehim bonarju u jista' jinkariga lill-Imħallef Relatur sabiex imexxi dan it-tentattiv.

Dispożizzjonijiet partikolari jirregolaw il-kwistjoni ta' rinunzja għall-atti wara li jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet, quddiem jew barra mit-Tribunal. Fl-ewwel każ, it-termini tal-ftehim jistgħu jiġu rreġistrati f'verbal, li jikkostitwixxi att awtentiku. Il-kawża mbagħad titħassar mir-Reġistru permezz ta' digriet motivat tal-President tal-kulleġġ ġudikanti fejn, fuq talba tal-partijiet prinċipali, jitniżżlu t-termini tal-ftehim. Fiż-żewġ każijiet, id-deċiżjoni fuq l-ispejjeż tkun skond il-ftehim bejn il-partijiet jew, fin-nuqqas ta' dan, liberament.

Fl-aħħar, huwa previst li, fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja, it-Tribunal u l-partijiet ma jistgħux jużaw l-opinjonijiet espressi, is-suġġerimenti fformulati, il-proposti ppreżentati, il-konċessjonijiet magħmula jew id-dokumenti ppreparati fil-kuntest tal-ftehim bonarju. Fil-fatt, sabiex tentattiv li jintlaħaq ftehim bonarju jkollu l-aħjar opportunità li jirriżulta f'suċċess, huwa meħtieġ li l-partijiet ikunu ggarantiti libertà li jesprimu ruħhom sabiex jiffaċilitaw in-negozjati bejniethom mingħajr mal-opinjonijiet espressi jew il-konċessjonijiet magħmula ma jkunu jistgħu jippreġudikawhom fil-każ li n-negozjati jisfaw fix-xejn.

Spejjeż u spejjeż legali

Sal-lum, bis-saħħa ta' l-Artikolu 88 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-kawżi bejn il-Komunitajiet u l-impjegati tagħhom, ir-rikorrent li jitlef il-kawża kellu jbati biss l-ispejjeż tiegħu, u mhux dawk ta' l-istituzzjoni, ħlief fil-każ fejn ikun ikkawżalha spejjeż fiergħa u vessatorji u fil-każ fejn ikun hemm raġunijiet eċċezzjonali.



L-Artikolu 7(5) ta' l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprevedi li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari tar-Regoli tal-Proċedura, kull parti telliefa għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk il-parti l-oħra tkun għamlet talba f'dan is-sens. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura jipprevedi li t-Tribunal jista' għal raġunijiet ta' ekwità, jiddeċiedi li l-parti telliefa ma għandhiex tbatlil-ispejjeż jew parti minnhom.

L-Artikolu 94(a) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal jipprovdi li parti tista' tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż li hija tkun ikkawżat inutilment lit-Tribunal, *inter alia* minħabba rikors abbużiv, sa massimu ta' EUR 2 000. Din id-dispożizzjoni tagħti lit-Tribunal, f'każijiet eċċezzjonali, il-possibbiltà li jikkundanna lir-rikorrent li jkun qiegħed juża r-riżorsi ġudizzjarji inutilment, pereżempju permezz ta' rikorsi ripetuti u mingħajr wisq motivi, għal parti mill-ispejjeż li huwa jikkawża lill-qorti. Din il-possibbiltà hija konformi ma' l-intenzjoni tal-Kunsill, riflessa fl-applikazzjoni tar-regola ta' "min jitlef ibati l-ispejjeż" għal kull parti telliefa quddiem it-Tribunal, li jiġu limitati r-rikorsi mhux ġustifikati fl-interess ta' l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

Innovazzjonijiet importanti oħra

L-isforz sabiex tinżamm kontinwità fil-metodu ta' funzjonament ġudizzjarju, fl-iżvolġiment tal-proċedimenti u fil-preparazzjoni tal-kawżi ma pprekludix l-introduzzjoni ta' numru ta' innovazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- sospensjoni tal-proċeduri, fejn l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja tista' tiġi ġustifika sospensjoni tal-proċeduri wara li jkunu nstemgħu l-partijiet;
- konnessjoni bejn il-kawżi, fejn tneħħa r-rekwiżit strett wisq li l-kawżi għandu jkollhom l-"istess suġġett" sabiex ikunu jistgħu jingħaqdu;
- kjarifika tar-regoli rispettivi dwar il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u dwar il-miżuri istruttorji, fejn ta' l-ewwel huma indirizzati lill-partijiet, jew b'mod aktar preċiż lir-rappreżentanti tagħhom, u tat-tieni jikkonċernaw jew lil terzi jew lill-partijiet stess;
- rinviju ta' kawża minn Awla bi tliet Imħallfin lis-Seduta Plenarja jew lil Awla b'ħames Imħallfin, fejn mhijiex meħtieġa aktar il-konsultazzjoni tal-partijiet peress li d-dritt tal-partijiet għal proċess ekwu huwa diġà assigurat mir-rinviju tal-kawża quddiem kulleġġ ġudikanti kompost minn numru akbar ta' mħallfin;
- intervent, fejn ir-Regoli tal-Proċedura jintroduċu l-possibbiltà li l-President tal-kulleġġ ġudikanti jistieden lil terza persuna li jkollha interess fis-soluzzjoni tal-kontroversja sabiex tintervjeni;
- digrieti, fejn ir-regoli rispettivi huma kkjarifikati taħt l-istess kapitolu bħas-sentenzi.

II. *Proċeduri kontenzjużi dwar il-legalità u l-kumpens*

Aspetti ta' proċedura

1. *Ċaħda permezz ta' digriet*

It-Tribunal kellu l-opportunità jinterpreta l-Artikolu 111 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, applikabbli *mutatis mutandis*, li jipprovdi li meta dik il-qorti manifestament ma jkollhiex ġurisdizzjoni tiegħu konjizzjoni ta' rikors jew meta rikors ikun manifestament inammissibbli jew manifestament nieqes minn kull bażi legali, l-istess qorti tista', mingħajr ma tkompli l-proċeduri, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

It-Tribunal iddeċieda, b'mod partikolari, li din id-dispożizzjoni ma għandhiex tiġi applikata biss għal dawk il-każijiet fejn in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli dwar l-ammissibbiltà jkun tant evidenti u flagranti li ebda argument serju ma jista' jiġi invokat favur l-ammissibbiltà iżda għandha tiġi applikata wkoll għall-każijiet fejn, minn qari tal-proċess, il-kulleġġ ġudikanti jkun kompletament konvint dwar l-inammissibbiltà tar-rikors, minħabba b'mod partikolari li r-rikors ma jissodisfax ir-rekwiżiti mitluba minn ġurisprudenza kostanti, u jikkunsidra barra minn hekk li ż-żamma ta' seduta ma tkunx ta' natura li toffri l-inqas element ġdid f'dan ir-rigward (digriet tas-27 ta' Marzu 2007, *Manté vs Il-Kunsill*, [F-87/06](#); ta' l-20 ta' April 2007, *L vs EMEA*, [F-13/07](#), u ta' l-20 ta' Ġunju 2007, *Tesoka vs FEACVT*, [F-51/06](#)).

Barra minn hekk, it-Tribunal ippreċiża li l-aħħar ipoteżi msemmija f'din id-dispożizzjoni għandha tkopri kull rikors li manifestament ser jiġi miċħud minħabba raġunijiet marbuta mal-mertu tal-kawża (digriet tas-26 ta' Settembru 2007, *Salvador Roldán vs Il-Kummissjoni*, [F-129/06](#)).

Fil-kawżi msemmija aktar 'il fuq, it-Tribunal enfażizza li ċ-ċaħda tar-rikors permezz ta' digriet mhux biss ikkontribwiet għall-ekonomija tal-proċeduri iżda ffrankat ukoll lill-partijiet l-ispejjeż li kienet tikkawża ż-żamma ta' seduta.

2. *Talba*

Fis-sentenza tas-17 ta' April 2007, *C u F vs Il-Kummissjoni* ([F-44/06](#) u [F-94/06](#)), it-Tribunal silet konsegwenza proċedurali mill-Artikolu 233 KE u mill-ġurisprudenza fis-sens li, meta jkun hemm sentenza ta' annullament, l-amministrazzjoni għandha l-obbligu taġixxi u għandha tiegħu hija stess il-miżuri għall-eżekuzzjoni tar-*res judicata*, mingħajr ma jkun meħtieġ li l-uffiċjal iressaq talba f'dan is-sens. It-Tribunal iddeċieda li, meta jintalab kumpens minħabba dewmien irraġonevoli fl-eżekuzzjoni jew minħabba n-nuqqas ta' kwalunkwe miżura ta' eżekuzzjoni ta' sentenza, ir-regolarità tal-proċedura prekontenzjuża ma tistax tkun suġġetta għall-preżentata ta' talba mill-uffiċjal skond l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (aktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal").



3. Att preġudizzjali

Fid-digriet ta' l-24 ta' Mejju 2007, *Lofaro vs Il-Kummissjoni* (F-27/06 u F-75/06), it-Tribunal ippreċiża li rapport maħruġ fit-tmiem ta' perijodu ta' prova li fuqu l-amministrazzjoni bbażat ruħha sabiex tkeċċi membru tal-persunal huwa biss att preparatorju għad-deċiżjoni ta' tkeċċija u għalhekk mhuwiex att preġudizzjali fil-konfront tal-persuna kkonċernata fis-sens ta' l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

4. Termini

Il-ġurisprudenza li tipprovdi li l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida tikkostitwixxi fatt ġdid sostanzjali, inkluż għall-uffiċjali li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, jekk din il-leġiżlazzjoni tinvolvi inugwaljanzi fit-trattament inġustifikati bejn dawn ta' l-aħħar u l-benefiċjarji tagħha, ġiet applikata fil-kawża *Genette vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-16 ta' Jannar 2007, F-92/05) fir-rigward ta' l-effetti kkombinati tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda u tal-Liġi Belġjana ta' l-2003 li biddlet il-kundizzjonijiet tat-trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni miksuba fil-Belġju lejn l-iskema Komunitarja.

Fis-sentenza ta' l-1 ta' Frar 2007, *Tsarnavas vs Il-Kummissjoni* (F-125/05), it-Tribunal fakkar, fir-rigward ta' aġir allegatament illegali ta' istituzzjoni, il-ġurisprudenza li tipprovdi li huma l-uffiċjali jew il-membri l-oħra tal-persunal li għandhom jippreżentaw talba għal kumpens quddiem l-istituzzjoni f'terminu raġonevoli li jiddekorri mill-mument meta saru jafu bis-sitwazzjoni li jilmentaw dwarha. In-natura raġonevoli tat-terminu hija evalwata fid-dawl tal-fatti partikolari għal kull kawża u, b'mod partikolari, skond l-importanza tal-kwistjoni għall-persuna kkonċernata, il-kumplessità tal-kawża u l-aġir tal-partijiet involuti. It-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin previst, fir-rigward ta' azzjoni għal responsabbiltà non-kuntrattwali, mill-Artikolu 46 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jista' jittieħed in-kunsiderazzjoni bħala paragon.

Mid-digriet tal-25 ta' April 2007, *Kerstens vs Il-Kummissjoni* (F-59/06), jirriżulta li, meta l-arkivji tal-konsultazzjonijiet tas-sistema Sysper 2 jindikaw li rikorrent fetaħ il-fajl bl-att li jkun ġie nnotifikat lillu b'mezzi elettroniċi, għandu jiġi kkunsidrat li r-rikorrent sar jaf utilment bil-kontenut ta' dan l-att b'tali mod li jibda jiddekorri t-terminu sabiex jitressaq ilment kontra dan l-att.

Fuq il-mertu

Huwa impossibbli li fil-kuntest ta' dan ir-rapport jingħata rendikont eżawrjenti tal-ġurisprudenza tat-Tribunal għas-sena 2007. Għalhekk, ser jiġi evokati l-kontribuzzjonijiet l-aktar sinjifikattivi ta' din is-sena fir-rigward, l-ewwel nett, tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tas-servizz pubbliku Komunitarju u, it-tieni nett, ta' l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet prinċipali tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda, li ser jiġi eżaminati fl-ordni tat-taqsimiet ta' dawn ir-Regolamenti.



1. *Prinċipji ġenerali tad-dritt tas-servizz pubbliku Komunitarju*

a) **Obbligu ta' premura**

Fil-kawża *Giraudy vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-2 ta' Mejju 2007, [F-23/05](#)), it-Tribunal kellu quddiemu kwistjonijiet marbuta mal-konċiljazzjoni bejn is-serenità u l-iżvolġiment tajjeb ta' investigazzjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (aktar 'il quddiem l-"OLAF"), id-dritt tal-pubbliku li jkun informat, u l-protezzjoni tal-preżunzjoni ta' innoċenza, ta' l-unur u tar-reputazzjoni professjonali ta' uffiċjal assenjat mill-ġdid fl-interess tas-servizz. F'din il-kawża t-Tribunal ikkundanna lill-Kummissjoni tikkumpensa d-dannu morali mġarrab mir-rikorrent, fil-forma ta' dannu għall-unur u għar-reputazzjoni professjonali tiegħu, minħabba ksur ta' l-obbligu ta' premura mwettaq fil-kuntest ta' l-assenjament mill-ġdid tiegħu wara l-ftuħ ta' investigazzjoni mill-OLAF. It-Tribunal ikkunsidra li l-Kummissjoni ma kinitx irrispettat bilanċ ġust bejn l-interessi tar-rikorrent u dawk ta' l-istituzzjoni meta, waqt il-ftuħ ta' l-investigazzjoni ta' l-OLAF, tat pubbliċità partikolarment għolja lill-assenjament mill-ġdid tar-rikorrent, b'tali mod li tat x'jifhem li dan ta' l-aħħar kien personalment implikat fl-allegati irregolaritajiet in kwistjoni, mingħajr ma tat ebda pubbliċità, fuq inizjattiva tagħha stess, lir-rapport finali ta' l-OLAF li sab li r-rikorrent ma kienx involut fil-kwistjoni mqajma mill-allegazzjonijiet li wasslu għall-ftuħ ta' l-investigazzjoni. Il-pożizzjoni meħuda mill-kelliemi tal-Kummissjoni, fejn esprima s-simpatija kollha tiegħu, kif ukoll dik ta' l-istituzzjoni, fir-rigward tar-rikorrent, ma kinitx paragonabbli, la fil-metodi tagħha u lanqas fl-intensità tagħha, għall-pubbliċità mogħtija lill-assenjament mill-ġdid tar-rikorrent meta nbdiet l-investigazzjoni. It-Tribunal ikkonstata li, billi ma naqsitx għall-minimu possibbli d-dannu kkawżat lir-rikorrent mill-ftuħ ta' l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' premura li għandha fil-konfront ta' l-uffiċjali u tal-membri tal-persunal l-oħra tagħha u wettqet nuqqas amministrattiv ta' natura li jwassal għar-responsabbiltà tagħha.

b) **Obbligu ta' assistenza**

Fil-kawża *Vienne et vs Il-Parlament* (sentenza tas-16 ta' Jannar 2007, [F-115/05](#)) u *Frankin et vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-16 ta' Jannar 2007, [F-3/06](#)), it-Tribunal kien adit b'rikorsi għal annullament imressqa kontra deċiżjonijiet tal-Parlament u tal-Kummissjoni li ċaħdu t-talbiet għal assistenza magħmula taħt l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal minn madwar 650 uffiċjal u membri oħra tal-persunal li, qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida Belġjana, kienu diġà kisbu r-rikonoxximent fl-iskema Komunitarja tad-drittijiet għal pensjoni tagħhom miksuba mingħand organi ta' pensjoni Belġjani, u kienu talbu lill-Parlament u lill-Kummissjoni jassistuhom bil-għan li jiksbu kalkolu ġdid tad-drittijiet għal pensjoni tagħhom miksuba fil-Belġju skond ir-regoli ddettaljati tal-liġi l-ġdida. Fis-sentenza *Vienne et vs Il-Parlament*, iċċitata aktar 'il fuq, it-Tribunal ippreċiża li l-obbligu ta' assistenza ta' l-istituzzjoni mhuwiex suġġett għall-kundizzjoni li l-illegalità ta' l-aġir li jkun wassal għat-talba għal assistenza tkun stabbilita minn qabel permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja. Tali kundizzjoni tkun f'kontradizzjoni ma' l-għan stess tat-talba għal assistenza fil-każijiet frekwenti fejn din it-talba tkun ġustament magħmula sabiex, permezz ta' azzjoni ġudizzjarja bl-assistenza ta' l-istituzzjoni, jinkiseb rikonoxximent li l-imsemmi aġir huwa illegali. Madankollu, huwa meħtieġ ukoll li l-imsemmi aġir jista' "raġonevolment jiġi analizzat bħala preġudizzjali għad-drittijiet ta' l-uffiċjali". Peress li r-rikorrenti ma kinux f'pożizzjoni li



“jipprovaw *prima facie* li, minħabba l-aġir ta’ terzi, huma kienu ser ikunu vittmi ta’ diskriminazzjoni”, il-Parlament ġustament seta’ jikkunsidra li huma ma kienu ġarrbu ebda preġudizzju fil-konfront tad-drittijiet tagħhom taħt ir-Regolamenti tal-Persunal li jiġġustifika l-assistenza ta’ l-istituzzjoni.

c) Protezzjoni ta’ l-aspettattivi leġittimi

Permezz ta’ sentenza ta’ l-1 ta’ Marzu 2007, *Neirinck vs Il-Kummissjoni* (F-84/05), it-Tribunal ikkunsidra li l-fatt li l-persuna responsabbli minn dipartiment kellha kuntatti ma’ kandidat għal impjieg bħala membru tal-persunal temporanju bil-għan li tiġi diskussa l-possibbiltà li dan il-kandidat jiġi integrat fid-dipartiment tiegħu u li din il-persuna indikat manifestament ix-xewqa tagħha f’dan is-sens ma jipprovax l-eżistenza ta’ wegħda ta’ reklutaġġ. Għalhekk, it-Tribunal ikkunsidra li l-kandidat għall-impjieg ma setax isostni li l-amministrazzjoni kienet ħolqitlu aspettattiva leġittima dwar ir-reklutaġġ tiegħu.

2. Il-karriera ta’ l-uffiċjal

a) Reklutaġġ

i) Struttura ġdida tal-karriera

Fis-sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2007, *Da Silva vs Il-Kummissjoni* (F-21/06), it-Tribunal annulla d-deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni fi grad tar-rikorrent, li kien ġie maħtur direttur wara proċedura ta’ reklutaġġ skond l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u li kien ġie kklassifikat fl-istess grad bħal dak li kellu qabel, iżda fi skala inqas. Skond it-Tribunal, billi tali ħatra tikkostitwixxi avvanz fil-karriera ta’ uffiċjal, hija ma tistax twassal, mingħajr ma jinkiser il-prinċipju li kull uffiċjal huwa intitolat li jiżviluppa l-karriera tiegħu fi ħdan l-istituzzjoni tiegħu, għal tnaqqis fil-grad jew fl-iskala tiegħu u, konsegwentement, għal tnaqqis fir-remunerazzjoni tiegħu.

Fis-sentenza tal-5 ta’ Lulju 2007, *Dethomas vs Il-Kummissjoni* (F-93/06), it-Tribunal, wara li osserva li r-Regolament tal-Kunsill (KE, KEEA) Nru 723/2004, tat-22 ta’ Marzu 2004 (ĠU L 124, p. 1), ma fih ebda dispożizzjoni tranżitorja li taffettwa l-applikabbiltà tat-tielet paragrafu ta’ l-Artikolu 32 tar-Regolamenti tal-Persunal b’effett mill-1 ta’ Mejju 2004, ikkunsidra li, wara d-dħul fis-seħħ ta’ dawn ir-Regolamenti, fin-nuqqas ta’ dispożizzjoni tranżitorja, dan l-artikolu jibqa’ kompletament applikabbli għall-klassifikazzjoni fi skala ta’ kull membru tal-persuna temporanju maħtur bħala uffiċjal fil-grad li huwa kellu qabel.

Għandha tissemma wkoll is-sentenza tat-8 ta’ Novembru 2007, *Deffaa vs Il-Kummissjoni* (F-125/06), li titfa’ dawl fuq id-diffikultajiet tekniċi ta’ interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regolamenti tal-Persunal, fir-rigward tar-relazzjoni bejn it-tieni paragrafu ta’ l-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 7(4) ta’ l-Anness XIII ta’ dawn ir-Regolamenti, dwar “primjum ta’ tmexxija” li l-għoti tiegħu huwa marbut mad-dħul fil-funzjonijiet ta’ kap ta’ dipartiment, direttur jew direttur ġenerali.



ii) Kompetizzjonijiet

It-Tribunal kellu jiddeċiedi numri ta' kawżi dwar kompetizzjonijiet li fosthom tista' tissemma l-kawża *De Meerleer vs Il-Kummissjoni* (sentenza ta' l-14 ta' Ġunju 2007, [F-121/05](#)). F'din is-sentenza t-Tribunal ippreċiża li s-setgħa tal-bord ta' l-għażla ta' kompetizzjoni li jeżamina mill-ġdid id-deċiżjonijiet tiegħu mhijiex paragunabbli ma' l-istħarriġ eżerċitat mill-awtorità tal-ħatra, fil-kuntest ta' l-ilment, u mill-qorti Komunitarja meta jitressaq rikors ġudizzjarju u li, għaldaqstant, ir-rikorrent għandu interess distint u reali li t-talba tiegħu għal eżami mill-ġdid tkun eżaminata mill-bord ta' l-għażla tal-kompetizzjoni minkejja li seta' jressaq ilment jew rikors ġudizzjarju fil-konfront ta' din id-deċiżjoni inizjali tal-bord ta' l-għażla. F'din l-istess sentenza, it-Tribunal eżamina jekk il-kandidati kinux effettivament f'pożizzjoni li jsiru jafu dwar id-deċiżjoni inizjali tal-bord ta' l-għażla permezz tas-sistema ta' konsultazzjoni tal-fajl elettroniku EPSO tagħhom sabiex ikunu jistgħu, fit-terminu previst, jagħmlu talba għal eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni tal-bord ta' l-għażla.

iii) Eżami mediku

Fis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2007, *N vs Il-Kummissjoni* ([F-95/05](#)), it-Tribunal ippreċiża li l-kandidati għar-reklutaġġ f'pajjiż terz ma jistgħux jiġu mċaħħda mill-osservanza tal-proċedura ta' eżami mediku bħalma hija prevista fl-Artikolu 33 tar-Regolamenti tal-Persunal.

b) Stat amministrattiv taħt ir-Regolamenti tal-Persunal

Fis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2007, *Duyster vs Il-Kummissjoni* ([F-51/05](#) u [F-18/06](#)), dwar id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' leave tal-ġenituri, it-Tribunal irrefera għad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE, tat-3 ta' Ġunju 1996, dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, CEEP u ETUC (ĠU L 145, p. 4) sabiex jinterpreta l-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal. Filwaqt li bbaża ruħu fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-Tribunal speċifika li, meta l-awtorità tal-ħatra tiddeċiedi dwar talba għall-annullament jew għall-interruzzjoni ta' leave tal-ġenituri, il-marġni ta' diskrezzjoni tagħha huwa limitat meta l-persuna kkonċernata li tibbenefika minn leave tal-ġenituri tistabbilixxi, fit-talba tagħha għall-interruzzjoni tal-leave, li ġrajjiet li seħħew wara li jkun ingħata dan il-leave jqiegħduha inkontestabbilment fl-impossibbiltà li tiegħu ħsieb il-wild fiċ-ċirkustanzi oriġinarjament previsti. Dan jista' jseħħ b'mod partikolari meta l-uffiċjal jimrad b'marda li l-gravità u l-karatteristiċi tagħha jqiegħduh f'tali sitwazzjoni ta' impossibbiltà. F'din il-kawża r-rikors ġie miċħud peress li dawn il-kundizzjonijiet ma kinux stabbiliti.

c) Rapporti – Promozzjoni

Din is-sena, għal darb'oħra, il-proċeduri kontenżjużi dwar ir-rapporti u l-promozzjoni kienu relattivament abbondanti.



Fis-sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, *Michail vs Il-Kummissjoni* (F-67/05), it-Tribunal, wara li osserva li r-rikorrent, minkejja li kien fi stat ta' impjieg attiv fis-sens ta' l-Artikolu 36 tar-Regolamenti tal-Persunal, ma ngħata ebda funzjoni matul il-perijodu ta' referenza li setgħet tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni, ikkonkluda, minn dan, li l-Kummissjoni kienet tatu marka ta' mertu inġusta u, għalhekk, annulla r-rapport ta' żvilupp tal-karriera tar-rikorrent.

Fis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2007, *Sundholm vs Il-Kummissjoni* (F-42/06), it-Tribunal annulla r-rapport ta' żvilupp tal-karriera ta' uffiċjal minħabba li l-Kummissjoni, matul il-perijodu kopert minn dan ir-rapport, ma kinitx attribwixxiet lill-persuna kkonċernata obbjettivi u kriterji ta' evalwazzjoni u, meta evalwat il-merti tagħha, naqset milli tiegħu dan il-fatt in kunsiderazzjoni.

Fis-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2007, *Dittert vs Il-Kummissjoni* (F-109/06) u *Carpi Badia vs Il-Kummissjoni* (F-110/06), it-Tribunal annulla ċ-ċaħda ta' promozzjoni tar-rikorrenti minħabba li l-proċedura ta' promozzjoni kienet ivvizzjata b'irregolarità proċedurali sostanzjali. Fil-fatt, l-isem tar-rikorrenti, minħabba problema ta' l-informatika, ma kienx inkluż fil-lista li d-Direttur Ġenerali uża għall-allokazzjoni tal-punti ta' prijorità tad-Direttorat Ġenerali, b'tali mod li r-rikorrenti ma ngħataw ebda punt.

3. Kundizzjonijiet tax-xogħol

Fis-sentenza tas-16 ta' Jannar 2007, *Gesner vs L-UASI* (F-119/05), it-Tribunal, fir-rigward tat-talba ta' membru tal-persunal temporanju intiża għall-kostituzzjoni ta' kumitat ta' invalidità sabiex jibbenefika mill-assigurazzjoni kontra l-invalidità, annulla ċ-ċaħda ta' l-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti minħabba li din kienet ibbażat ruħha, b'mod żbaljat, fuq l-Artikolu 59(4) tar-Regolamenti tal-Persunal meta kkunsidrat li r-rikorrenti ma kinitx akkumulat ta' l-anqas tnax-il xahar leave tal-mard matul perijodu ta' tliet snin. It-Tribunal speċifika li l-"għan ta' din id-dispożizzjoni mhuwiex li tistabbilixxi kundizzjoni ta' tul ta' żmien tal-leave tal-mard li għandha tkun issodisfata mill-uffiċjali jew mill-membri tal-persunal l-oħra meta dawn jitolbu li jitwaqqaf kumitat ta' invalidità iżda li tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ta' l-awtorità tal-ħatra u ta' l-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti meta dawn, fin-nuqqas ta' talba mill-uffiċjal jew mill-membru tal-persunal temporanju, jeżaminaw *ex officio* jekk hemmx lok li tinfetaħ tali proċedura". Skond it-Tribunal, ir-rifjut min-naħa ta' l-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti li tibda l-proċedura ta' invalidità kien aktar u aktar ta' min jikkritikah peress li din mhijiex awtorizzata tiddeċiedi dwar l-istat ta' invalidità tal-persuni kkonċernati. F'dan ir-rigward, it-Tribunal enfażizza d-dritt ta' l-uffiċjal jew tal-membru tal-persunal temporanju li l-istat tas-saħħa tiegħu jkun eżaminat minn kumitat ta' invalidità, sakemm it-talba ma tkunx ta' natura abbużiva.

Fis-sentenza tat-22 ta' Mejju 2007, *López Terue vs L-UASI* (F-99/06), it-Tribunal ippreċiża l-iżvolġiment tal-proċedura l-ġdida għal arbitraġġ mediku, deskritta fil-ħames sat-tmien paragrafi ta' l-Artikolu 59(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, li permezz tagħha l-uffiċjal li jkun fuq leave tal-mard jista' jikkontesta r-riżultati tal-kontroll mediku organizzat mill-istituzzjoni meta dan il-kontroll jikkonkludi li l-assenza tiegħu mhijiex ġustifikata.



4. *Emolumenti u benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' l-uffiċjali*

a) **Remunerazzjoni u rimbors ta' spejjeż**

Fis-sentenza tiegħu tas-16 ta' Jannar 2007, *Borbély vs Il-Kummissjoni* (F-126/05), it-Tribunal ċaħad l-argument tal-Kummissjoni li, minn wara l-emenda ta' l-Artikolu 5(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, bħala parti mir-riforma ta' l-2004, il-post tar-residenza, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma setax jibqa' jiġi kkunsidrat bħala ċ-ċentru ta' l-interessi ta' l-uffiċjal, kif kien jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti. Il-kelma "residenza", għalhekk, għandha dejjem tinftiehem bħala li tidentifika ċ-ċentru ta' l-interessi ta' l-uffiċjal jew tal-membri tal-persunal temporanju.

Fil-kawża *Chassagne vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-23 ta' Jannar 2007, F-43/05), it-Tribunal ċaħad eċċezzjoni ta' illegalità ta' l-Artikolu 8 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda. It-Tribunal ippreċiża li l-pagament b'rata fissa ta' l-ispejjeż tal-vjaġġ mill-post ta' l-impjeg għall-post ta' l-oriġini ma jmurx kontra l-għan ta' dan l-artikolu, jiġifieri li jippermetti lill-uffiċjal iżur, mill-anqas darba fis-sena, il-post ta' l-oriġini tiegħu sabiex iżomm rabtiet familjari, soċjali u kulturali, u lanqas ma jmur lil hinn mil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur Komunitarju f'dan ir-rigward.

b) **Benefiċċji tas-sigurtà soċjali**

Fil-kawża *Roodhuijzen vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-27 ta' Novembru 2007, F-122/06), it-Tribunal iddeċieda li ftehim ta' ħajja flimkien konkluż quddiem nutar, fl-Olanda, bejn uffiċjal u s-sieħba tiegħu, jippermetti lil din ta' l-aħħar tibbenefika, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal u ta' l-Artikolu 12 tar-Regoli Komuni, mill-Iskema Konġunta ta' l-Assigurazzjoni kontra l-Mard tal-Komunitajiet Ewropej.

c) **Pensjonijiet**

i) **Rata ta' kontribuzzjoni**

Fil-kawża *Wils vs Il-Parlament* (sentenza tal-11 ta' Lulju 2007, F-105/05), is-Seduta Plenarja tat-Tribunal ċaħdet rikors li, permezz ta' eċċezzjoni, kien qiegħed jikkontesta r-regoli l-ġodda għall-kalkolu tar-rata ta' kontribuzzjoni ta' l-uffiċjali għall-iskema tal-pensjoni stabbiliti fl-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal. It-Tribunal, fl-ewwel lok, ċaħad il-motiv ibbażat fuq l-argument li dan l-anness kien ġie adottat bi ksur tal-proċedura ta' konsultazzjoni bejn tliet partijiet stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 1981 fil-qasam tar-relazzjonijiet mal-persunal. Fit-tieni lok, it-Tribunal iddeċieda li l-għażla tal-leġiżlatur li jiddefinixxi, fl-Artikolu 10(2) ta' l-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rata attwarjali bħala l-medja tar-rati effettivi ta' l-imgħax fit-tmax-il sena qabel is-sena kurrenti ma kinitx ta' natura la li tolqot il-validità tal-metodu attwarjali stabbilit fl-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal u lanqas li tikkomprometti l-għan ta' bilanċ attwarjali ta' l-iskema tal-pensjoni Komunitarja u li l-perjodu adottat ta' tmax-il sena ma kienx, għaldaqstant, la manifestament żbaljat u lanqas manifestament inadegwat. F'dawn iċ-ċirkustanzi,



għalkemm mill-atti tal-proċess kien jirriżulta li l-perijodu ta' referenza għall-kalkolu tar-rata attwarjali kien is-suġġett ta' negozjati politiċi u kien ġie stabbilit bħala perijodu ta' tnax-il sena sabiex jittieħdu in kunsiderazzjoni preokkupazzjonijiet baġitarji, ir-rikorrent ma setax jallega li l-għażla ta' tali perijodu kienet invizzjata minn abbuż tal-poter. Fl-aħħar lok, ir-rikorrent sostna li l-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal ma rrispettax l-aspettattivi leġittimi ta' l-uffiċjali li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal il-qodma, li jillimitaw il-kontribuzzjoni ta' l-uffiċjali għal terz tal-finanzjament ta' l-iskema tal-pensjoni, jiġu osservati anki taħt ir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda. Skond ir-rikorrent, fil-fatt, l-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal ma ħax in kunsiderazzjoni l-kontribuzzjonijiet żejda mħallsa mill-uffiċjali sat-30 ta' April 2004. It-Tribunal ikkunsidra li huwa ma kienx f'pożizzjoni li jevalwa l-fondatezza ta' l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar dan il-punt minħabba li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe studju attwarjali ta' l-iskema tal-pensjoni Komunitarja qabel l-1998, l-ammont tal-kontribuzzjoni ta' l-uffiċjali meħtieġ sabiex ikun assigurat il-bilanċ attwarjali ta' l-iskema ma kienx magħruf qabel dik id-data.

ii) Trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni

Fil-kawża *Genette vs Il-Kummissjoni*, iċċitata aktar 'il fuq, ippreżentata mill-Kummissjoni bħala kawża li setgħet toħloq "preċedent", it-Tribunal iddeċieda dwar kwistjoni li tikkonċerna l-uffiċjali, li kienu diversi f'dan il-każ, li ttrasferew lejn l-iskema Komunitarja drittijiet għal pensjoni li huma kienu kisbu preċedentement mingħand organi ta' pensjoni fil-Belġju. Ir-rikorrent kien talab li d-drittijiet tiegħu li kienu diġà ttrasferiti jiġu kkalkolati mill-ġdid sabiex jittieħdu in kunsiderazzjoni r-regoli aktar favorevoli dwar it-trasferiment stabbiliti b'liġi Belġjana fl-2003. Il-Kummissjoni kienet irrifjutat li tirtira d-deċiżjonijiet tagħha dwar id-drittijiet għal pensjoni tar-rikorrent ittrasferiti lejn l-iskema Komunitarja minħabba li tali rtirar kien ikun illegali fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarja li jawtorizzawh espressament. It-Tribunal iddeċieda li dan il-motiv kien invizzjat bi żball ta' liġi. Fil-fatt, it-Tribunal ikkunsidra li l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-irtirar ta' deċiżjoni individwali li toħloq drittijiet ma kinux jipprekludu l-irtirar ta' tali deċiżjoni, anki jekk legali, bil-kundizzjoni li l-irtirar ikun intalab mill-benefiċjarju ta' din id-deċiżjoni u li dan l-irtirar ma jippreġudikax id-drittijiet ta' terzi.

Fiż-żewġ kawżi *Tsirimokos vs Il-Parlament* u *Colovea vs Il-Parlament* (sentenzi tat-13 ta' Novembru 2007, [F-76/06](#) u [F-77/06](#)), it-Tribunal ippreċiża li minn interpretazzjoni, kemm litterali u kemm sistematika, ta' l-inċiż (b) ta' l-Artikolu 4 ta' l-Anness IVa tar-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta li s-snin ta' servizz pensjonabbli miksuba wara trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni lejn l-iskema ta' pensjoni Komunitarja mhumex koperti minn dan l-artikolu. Għaldaqstant, it-Tribunal ċaħad it-talbiet magħmula mir-rikorrenti għall-annullament tad-deċiżjonijiet li rrifjutaw li jieħdu in kunsiderazzjoni, għall-kalkolu tas-salarju mogħti fil-kuntest ta' l-attività part-time bi preparazzjoni għall-irtirar tagħhom, is-snin ta' servizz pensjonabbli miksuba wara trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni miksuba taħt l-iskemi nazzjonali.

iii) Koeffiċjenti korretturi

Fis-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2007, *Davis et vs Il-Kunsill* ([F-54/06](#)), it-Tribunal ikkunsidra li s-sistema l-ġdida ta' pensjonijiet, li tneħħi l-koeffiċjenti korretturi għad-drittijiet għal

pensjoni miskuba mill-1 ta' Mejju 2004 u li tibdel id-drittijiet għal pensjoni miksba qabel din id-data, safejn il-koeffiċjenti korretturi bdew jiġu ddeterminati abbażi ta' l-għoli tal-ħajja fl-Istat Membru ta' residenza tal-pensjonant u mhux aktar abbażi ta' l-għoli tal-ħajja fil-kapitali ta' l-Istat Membru tal-post ta' l-impjieg ta' l-uffiċjal, la tikser il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' non-diskriminazzjoni u lanqas il-prinċipji ta' moviment liberu u ta' libertà ta' stabbiliment.

5. Miżuri dixxiplinari

Fis-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, *Andreasen vs Il-Kummissjoni* (F-40/05), it-Tribunal applika d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda dwar, b'mod partikolari, l-istħarriġ tas-serjetà tal-fatti li wasslu għat-tneħħija ta' uffiċjal mill-pożizzjoni tiegħu. L-Artikolu 10 ta' l-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li l-piena dixxiplinari imposta għandha tkun proporzjonali għas-serjetà tal-kondotta ħażina, u jistabbilixxi numru ta' kriterji li l-awtorità tal-ħatra għandha tiegħu partikolarment in kunsiderazzjoni meta tagħżel il-piena. Huwa f'dan il-kuntest ġuridiku li t-Tribunal evalwa l-argumenti tar-rikorrenti dwar allegat nuqqas ta' osservanza tal-proporzjonalità tal-piena. It-Tribunal iddeċieda wkoll dwar l-applikazzjoni *rationae temporis* tad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal dwar il-kostituzzjoni u l-organizzazzjoni tal-bord dixxiplinari, li daħlu fis-seħħ waqt li kienet għaddejja l-proċedura dixxiplinari.

6. Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' l-Impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej

Fis-sentenza ta' l-4 ta' Ottubru 2007, *de la Cruz et vs L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (OSHA)* (F-32/06), it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti, ex-membri tal-persunal lokali, li kkontestaw il-klassifikazzjoni tagħhom bħala membri tal-persunal bil-kuntratt fil-grupp tal-funzjonijiet II, u dan fid-dawl tal-kompiti attwalment imwettqa.

Fuq l-ispejjeż

F'diversi okkażjonijiet it-Tribunal applika l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, applikabbli *mutatis mutandis*, sabiex jiddeċiedi jew li, bis-saħħa ta' l-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni, jaqsam l-ispejjeż bejn il-partijiet għal raġunijiet eċċezzjonali (sentenza tas-7 ta' Novembru 2007, *Hinderyckx vs Il-Kunsill*, F-57/06, u digriet ta' l-14 ta' Diċembru 2007, *Steinmetz vs Il-Kummissjoni*, F-131/06), jew li, abbażi tat-tieni paragrafu tagħha, jikkundanna lill-parti rebbieħa tħallas lura lill-parti l-oħra parti mill-ispejjeż tagħha li kienu kkunsidrati bħala fiergħa u vessatorji (sentenzi tad-9 ta' Ottubru 2007, *Bellantone vs Il-Qorti ta' l-Awdituri*, F-85/06, u *Duyster vs Il-Kummissjoni*, iċċitata aktar 'il fuq), u dan anki fil-preżenza ta' rikors ikkunsidrat bħala manifestament inammissibbli.



III. *Talbiet għal miżuri provviżorji*

Fl-2007 tressqu erba' talbiet għal miżuri provviżorji li ġew miċħuda minħabba n-nuqqas ta' urġenza tal-miżuri mitluba, li huma ddefiniti minn ġurisprudenza kostanti bħala miżuri li għandhom jinħarġu u jipproduċu l-effetti tagħhom qabel id-deċiżjoni prinċipali sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-interessi tar-rikorrent (digrieti tal-President tat-Tribunal ta' l-1 ta' Frar 2007, *Bligny vs Il-Kummissjoni*, [F-142/06 R](#), tat-13 ta' Marzu 2007, *Chassagne vs Il-Kummissjoni*, [F-1/07 R](#), ta' l-10 ta' Settembru 2007, *Zangerl-Posselt vs Il-Kummissjoni*, [F-83/07 R](#), u tal-21 ta' Novembru 2007, *Petrilli vs Il-Kummissjoni*, [F-98/07 R](#)).

Fil-kawżi *Chassagne vs Il-Kummissjoni* u *Petrilli vs Il-Kummissjoni*, iċċitati aktar 'il fuq, l-Imħallef għal miżuri provviżorji fakkar il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza fejn ġie stabbilit li dannu ta' natura purament finanzjarja ma jistax, bħala prinċipju, jiġi kkunsidrat bħala irreparabbli jew bħala irreparabbli b'mod diffiċli, sakemm jista' jkun is-suġġett ta' kumpens finanzjarju sussegwenti.

Fil-kawżi *Bligny vs Il-Kummissjoni* u *Zangerl-Posselt vs Il-Kummissjoni*, iċċitati aktar 'il fuq, l-Imħallef għal miżuri provviżorji fakkar il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza fejn ġie stabbilit li t-tkomplija ta' l-eżamijiet ta' kompetizzjoni ġenerali mhijiex ta' natura li tikkawża dannu irreparabbli lil kandidat li jkun ġie żvantaġġjat minħabba irregolarità mwettqa matul din il-kompetizzjoni. Fil-fatt, meta, fil-kuntest ta' kompetizzjoni organizzata sabiex tiġi stabbilita lista ta' riżerva, jiġi annullat eżami, id-drittijiet ta' kandidat huma protetti b'mod adegwat jekk il-bord ta' l-għażla u l-awtorità tal-ħatra jikkunsidraw mill-ġdid id-deċiżjonijiet tagħhom u jippruvaw isibu soluzzjoni ekwa għall-każ tiegħu.

IV. *Talbiet għal għajnuna legali*

Matul l-2007 ġew adottati sbatax-il digriet li jiddeċiedu dwar talbiet għal għajnuna legali. Tliet talbiet biss setgħu jintlaqgħu filwaqt li l-bqija ġew miċħuda jew minħabba n-natura manifestament inammissibbli jew manifestament mhux fondat tar-rikors ippreżentat jew maħsub li jiġi ppreżentat, jew minħabba li l-applikant ma kienx, jew ma pprova li kien, f'pożizzjoni li ma setax, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tiegħu, ikopri, totalment jew parzjalment, l-ispejjeż marbuta ma' l-għajnuna u r-rappreżentazzjoni legali.

V. *Evalwazzjoni inizjali tal-prassi relatata mal-ftehim bonarju*

Fil-prassi ġudizzjarja tiegħu, it-Tribunal għamel sforzi sabiex iwieġeb għall-istedina tal-leġiżlatur li jiġi ffaċilitat il-ftehim bonarju tal-kontroversja f'kull stadju tal-proċeduri. B'hekk, abbażi ta' l-Artikolu 7(4) ta' l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u ta' l-Artikolu 64(2) (d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, applikabbli *mutatis mutandis* għat-Tribunal sad-dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, it-Tribunal għamel diversi tentattivi sabiex jinstab ftehim bonarju. Erbatx-il kawża setgħu jingħalqu wara li ntlaħaq ftehim bonarju, sebgħa minnhom wara intervent mit-Tribunal, ħafna drabi matul laqgħa informali organizzata mill-Imħallef Relatur jew matul is-seduta. Dawn iċ-ċifri naturalment

jistgħu jinbidlu maż-żmien bħala effett ta' l-isforzi tat-Tribunal sabiex jiffavorixxi li jintlaħaq ftehim bonarju għall-kontroversji, u skond il-livell ta' disponibbiltà min-naħa tar-rappreżentanti tal-partijiet f'dan ir-rigward.

Għalkemm la huwa possibbli u lanqas mixtieq li tingħata lista eżawrjenti taċ-ċirkustanzi li min-natura tagħhom jiffavorixxu li jintlaħaq ftehim bonarju, it-Tribunal identifika numru ta' kategoriji ta' kontroversji li jistgħu jkunu s-suġġett ta' sforz sabiex jintlaħaq ftehim bonarju.

Hawnhekk jistgħu jissemmew l-ewwel nett rikorsi li s-soluzzjoni effettiva tagħhom ma tistax tikkonsisti f'soluzzjoni purament ġuridika, liema soluzzjoni ma ttemmx in-nuqqas ta' qbil jew it-tensjoni li tkun wasslet għall-kontroversja, ħafna drabi ta' natura interpersonali. F'dawn it-tip ta' kawżi, għandha tingħata prijorità lil soluzzjoni aktar ekwa jew aktar umana minn dik li tista' tirriżulta minn analiżi fid-dritt. Dan jippreżumi naturalment li l-kawża ma tqajjem ebda kwistjoni ta' interess ġenerali għal uffiċjali oħra. F'dan l-istess sens, il-kawżi li fihom pubbliċità ma tkunx kompletament iġġustifikata u li fihom il-kontribuzzjoni legali li tirriżulta minn sentenza ma tkunx evidenti (per eżempju, f'każ ta' abbuż psikoloġiku jew ta' fastidju sesswali, ta' assenjament mill-ġdid ta' uffiċjali minħabba kunflitt bejnu u s-superjur dirett tiegħu) jistgħu wkoll ikunu s-suġġett ta' sforz sabiex jintlaħaq ftehim bonarju. Jistgħu jissemmew ukoll il-kawżi ripetittivi, sussegwenti għal kawża li tista' tintuża bħala "preċedent", li jistgħu jirċievu l-istess soluzzjoni bħal dik milħuqa fis-sentenza mogħtija fil-kawża ta' l-aħħar.

Għandu jingħad ukoll li ħafna drabi l-amministrazzjoni tgawdi minn marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fit-twettiq tal-funzjonijiet mogħtija lilha u li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-legalità interna, f'dan il-kuntest, huwa ħafna drabi marġinali. Għalkemm, fil-kuntest ta' kontroversja partikolari, il-legalità ta' att adottat mill-awtorità tal-ħatra taħt is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha ma tkunx tista' tiġi kkontestata mill-qorti fuq abbuż tal-poter, mhuwiex eskluż li l-awtorità tal-ħatra setgħet tilħaq l-għan mixtieq billi tadotta att ieħor, li jkun ukoll legali, apparti dak ikkontestat quddiem il-qorti u li seta' evita l-kontroversja in kwistjoni. Dan huwa kuntest partikolarment favorevoli għall-isforzi li jintlaħaq ftehim bonarju.